**Indirizz tal-Prim'Imhallef Dr. Vincent Degaetano, fl-okkazzjoni tal-ghoti tal-gurament ta' lealta' u gurament tal-kariga lill-numru ta' avukati u prokuraturi legali godda.**

Sur President tal-Kamra ta' l-Avukati u sur President tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali, Madam Chief Justice, Sinjuri Avukati Anzjani, Kollegi Avukati u Sinjuri Prokuraturi Legali:

Illum intom – kemm Avukati kif ukoll Prokuraturi Legali – ġejtu abilitati biex tibdew teżercitaw il-professjoni rispettiva tagħkom. Din iċ-ċerimonja qasira nagħmluha ta' kull sena – u xi minn daqqiet anke aktar minn darba f'sena jekk ikun hekk meħtieġ – b'ċertu solennita` biex, filwaqt li din il-Qorti ġustament tifirħilkom, tiġi emfasizzata wkoll l-importanza taż-żewġ ġuramenti li ħadtu, u b'mod partikolari l-ġurament tal-kariga. Illum intom ħadtu ġurament, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin, li fil-qadi tax-xogħol tagħkom timxu "bil-ħaqq u bis-sewwa u bir-reqqa kollha" – "*faithfully and with all honesty and exactness*" fit-test Ingliż tal-ġurament. Sakemm tibqgħu taħdmu f'dawn il-Qrati – u j'Alla ħamsin sena oħra tkunu fuq dawk il-bankijiet fejn illum hemm ftit mill-avukati li ħafna snin ilu bħalkom ħadu l-ġuramenti skond il-liġi – tinsew qatt dawk it-tliet kelmiet: ħaqq, sewwa u reqqa.

Ftakru li intom, bħala avukati jew prokuraturi legali, anke jekk tkunu impjegati mal-Gvern jew ma' entitajiet pubbliċi oħra jew entitajiet privati, tibqgħu dejjem u qabel kollox professjonisti, marbutin mhux biss bil-ġurament li ħadtu u bil-liġi, iżda wkoll b'regoli ta' natura deontoloġika. Intom m'intomx, u qatt ma għandkom jew tistgħu tkunu, sempliċi "hired guns", ċioe` li tagħmlu kull ma jrid jew kull ma jitlob mingħandkom il-klient. Kull pass li tagħmlu, qabel kull deċizjoni li tkunu ser tieħdu, staqsu dejjem lilkom infuskom: dan hu skond il-ħaqq, dan hu skond is-sewwa, dan li qed nagħmel qed nagħmlu bir-reqqa kollha?

Bħala professjonisti ma għandkom qatt timmedeżimaw ruħkom mal-klient tagħkom, biex tkunu tistgħu dejjem u spassjonatament twieġbu għal dawn it-tliet mistoqsijiet; u jekk it-tweġiba għal xi waħda minnhom tkun fin-negattiv, ieqfu u tagħmlux dak li tkunu ser tagħmlu. Huwa veru li, bħala professjonisti, għandkom dover u responsabbilta` kbira lejn il-klient li a nom tiegħu tkunu qed taġixxu, pero` dan mhux l-uniku dover jew l-unika responsabbilta` li għandkom. Hemm ukoll id-dover u r-responsabbilta` lejn il-Qorti li quddiemha tkunu qed tidhru – ma għandkom qatt, per eżempju, deliberatament jew bi traskuraġni, tagħmlu xi ħaġa li biha tiżvijaw jew tistgħu tiżvijaw lill-Qorti, jew taġixxu b'mod li ttawlu inutilment il-kawża li fiha tkunu qed tidhru.

U fl-aħħar nett hemm id-dover u r-responsabbilta` lejn is-soċjeta` li mhux biss ipprovdit għall-edukazzjoni tagħkom, iżda li permezz tal-*warrant* li ngħatajtu ftit ta' jiem ilu u tal-ġuramenti li llum ħadtu irrikonoxxit il-kompetenza professjonali tagħkom u awtorizzatkom tibdew taġixxu ta' avukati u prokuraturi legali f'dawn il-Qrati. Wieħed mid-doveri tagħkom lejn is-soċjeta` bħala professjonisti huwa li jekk persuna li tkun verament fil-bżonn u m'għandhix mnejn tħallas titlob l-għajnuna tagħkom, intom tipprestawlha l-aħjar servizzi professjonali tagħkom b'xejn – dan ma narahx bħala sempliċi obbligu morali, iżda bħala obbligu ċiviku, għalkemm forsi, fl-istat tal-liġi kif inhi sa issa, mhux neċessarjament obbligu enforzabbli.

Ġibu ruħkom dejjem b'mod legalment, etikament u moralment korrett ma' kulħadd – biex b'hekk għoxrin, tletin, ħamsin sena oħra in-nies ikunu jistgħu jirreferu għal kull wieħed minnkom billi jgħidu: "Ara, dak avukat ta' l-affari tiegħu", "Ara dak Prokuratur Legali ta' l-affari tiegħu". L-espressjoni "ta' l-affari tiegħu" tiġbor fiha sens ta' rġulija, ta' korrettezza u kompetenza professjonali, u ta' moriġeratezza li ebda kawża importanti li tista' tirbaħ, ebda ammont ta' flus li tista' tagħmel fil-karriera, ebda kariga li tista' tilħaq ma jistgħu jagħtu.

Żommu ruħkom dejjem aġġornati dwar l-iżviluppi legali biex is-servizz li intom tagħtu jkun dejjem l-aħjar possibbli; u b'mod partikolari, tippruvawx tieħdu vantaġġ fuq il-kollegi tagħkom minħabba xi ċirkostanza partikolari li ssibu ruħkom fiha. Hija tabilħaqq inkwetanti meta wieħed jara jew jisma' ċerti avukati, fuq stazzjonijiet tat-televiżjoni jew tar-radju, jisparlaw u jippontifikaw fuq il-liġi qishom laħqu professuri f'kull branka tal-liġi, u xi minn daqqiet jitkellmu anke b'mod indekoruż fil-konfront tal-Qrati. Tkunux pompużi biex ħadd ma jkun jista' jipponta

subgħajh lejkom u jgħid ***colorem habet, substantiam vero nullam***. Dawk minnkom li biħsiebhom jaħdmu f'dawn il-Qrati għandhom jikkoltivaw l-arti – għax hija arti li wieħed irid jiżviluppaha maż-żmien – tal-preċiżjoni u tal-parsimonija fil-kliem, kemm meta dak li jkun ikun qed jitratta kif ukoll meta jkun qed jikkonduċi l-eżami jew il-kontro-eżami ta' xhud, biex il-ġudikant ma jkollu qatt għalfejn jirrimarkalkom li ***vir sapit qui pauca loquitur***. U b'mod partikolari, tippruvaw tqarrqu b'ħadd jew tiżvijaw lil ħadd – kollega, xhud li tkunu qegħdin teżaminaw, il-Qorti – ma nixba' qatt infakkarkom fuq ir-reputazzjoni tajba li kellu Sant Ivo proprju minħabba r-reputazzjoni ħażina li kellhom sħabu l-avukati : ***Sanctus Ivo erat Breto, advocatus sed non latro, res miranda populo!***

Sinjuri Avukati u Prokuraturi Legali, jiena u l-kollegi tiegħi fuq din il-Qorti nawguralwkom suċċess fil-karriera tagħkom u nittamaw li ħafna minnkom ikunu kollaboraturi magħna l-Ġudikanti f'dan l-edifizzju biex dejjem tiġi amministrata aħjar il-ġustizzja.

Issa nistedinkom biex tissiehbu maghna, mal-Presidenti taz-Zewg Kmamar u mas-Sinjuri Avukati Anzjani ghall-kafe' fil-kamra tal-konferenzi.